## LIEMA BANEK HUMA MEĦTIEĠA LI JIPPROVDU KONT TA' ĦLAS B'KARATTERISTIĊI BAŻIĊI?

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kontijiet ta' Ħlas (Avviż Legali 411 tal-2016), il-banek li joffru s-servizzi inklużi fil-kont ta' ħlas b'karatteristiċi bażiċi u li għandhom ħames fergħat jew aktar f'Malta huma meħtieġa li joffru kont ta' ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Dawn il-banek jistgħu joffru wkoll kontijiet online bl-istess karatteristiċi bażiċi. Il-banek b'erba' fergħat jew inqas jistgħu joffru wkoll il-kont ta' ħlas b'karatteristiċi bażiċi, iżda mhumiex obbligati li jagħmlu dan.

Speċifikament, inti għandek issib dan il-kont disponibbli għand:

APS bank

BNF BANK

BOV Bank of Valletta

HSBC

LOMBARD Lombard Bank Malta p.l.c.




Għal aktar informazzjoni, tista' żżur il-fergħa ppreferuta tiegħek. Tista' wkoll tikkuntattja lill-MFSA fuq bpa@mfsa.com.mt jew iżżur is-sit web tal-MFSA fuq ***www.mfsa.com.mt***

Dan il-fuljett ġie ppubblikat mill-MFSA u l-banek ingħataw struzzjonijiet sabiex jipprovduh fil-fergħat kollha tagħhom

***Helpline għal konsumatur***

*Freephone 80074924 jew +356 2548 5700 (telefonati barranin)*

MFSA
MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY




# KONT TA' ĦLAS B'KARATTERISTIĊI BAŻIĊI

MFSA
MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

## KONT TA' ĦLAS B'KARATTERISTIĊI BAŻIĊI: X'INHU?

Il-kont ta' ħlas b'karatteristiċi bażiċi huwa kont bankarju, għal użu personali, li joffri sett ta' prodotti u servizzi bankarji bażiċi, mingħajr ħlas jew tariffa raġonevoli lill-individwi kollha. Dawn il-karatteristiċi jinkludu:

- L-operazzjonijiet kollha meħtieġa għall-ftuħ, it-tħaddim u l-għeluq tal-kont;
- Karta ta' debitu internazzjonali sabiex jinkiseb aċċess għall-fondi li jitpoġġew fil-kont;
- Il-ġbid ta' flus kontanti mill-counters tal-bank jew mill-ATMs f'Malta, Għawdex u Stati Membri oħrajn tal-UE;
- L-effettwar ta' ħlasijiet permezz tal-karta ta' pagament, inklużi pagamenti online;
- L-effettwar ta' trasferimenti ta' kreditu, inklużi standing orders u fit-terminals u fil-bank u permezz tal-faċilitajiet online tal-bank;
- L-eżekuzzjoni ta' debiti diretti fl-Unjoni Ewropea.

Jekk għandek kont ta' ħlas b'karatteristiċi bażiċi, il-bank jista' jiddeċiedi li jipprovdilek, fuq talba tiegħek, faċilità ta' overdraft.

Ix-xiri ta' servizzi addizzjonali ma għandux ikun kondizzjoni biex tiġi offrut kont ta' ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

Dan il-kont għandu jiġi offrut mill-inqas fl-Euro, u jekk jiddeċiedi l-bank, fi kwalunkwe munita oħra ta' Stat Membru tal-Unjoni.



## MIN JISTA' JAPPLIKA GĦAL KONT TA' ĦLAS B'KARATTERISTIĊI BAŻIĊI?

Il-persuni li huma legalment residenti f'Malta jew fi Stat Membru ieħor tal-UE jinkludu:

- Persuni mingħajr indirizz fiss;
- Refuġjati, persuni mingħajr stat jew persuni li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil;
- Persuni li ma jingħatawx permess ta' residenza, iżda li r-ripatrijazzjoni tagħhom ma tkunx possibbli minħabba raġunijiet legali jew fattwali.

## ŻOMM F'MOĦĦOK LI...

- Inti tista' tuża l-kont biss għall-iskopijiet personali u mhux kummerċjali tiegħek (pereżempju, tista' tużah sabiex tirċievi s-salarju tiegħek u tħallas l-ispejjeż, iżda ma tistax tużah għal negozju jew għal karità, klabb, soċjetà jew organizzazzjoni oħra).
- Jekk diġà għandek kont bankarju miftuħ f'Malta, il-bank għandu dritt li jirrifjuta li jiftaħlek kont ta' ħlas b'karatteristiċi bażiċi.
- Madankollu, jekk tikkonferma li t-tali kont ieħor ser jingħalaq, il-bank ikun jista' jiftaħlek kont ta' ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Il-bank għandu dritt li jivverifika dan qabel jiftaħ il-kont. Inti ser ikollok tipprovdi prova uffiċjali tal-identità qabel tkun tista' tiftaħ il-kont.
- Il-banek jistgħu jitolbuk ukoll turi interess ġenwin fil-ftuħ ta' kont bħal dan.



## KEMM JISTA' JDUM BIEX JINFETAĦ KONT TA' ĦLAS B'KARATTERISTIĊI BAŻIĊI?

Wara li jirċievi l-applikazzjoni sabiex jiftaħ dan il-kont, il-bank huwa meħtieġ li jaċċetta jew jirrifjuta l-applikazzjoni mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn 10 ijiem tan-negozju mill-wasla tal-applikazzjoni kompleta u mimlija sewwa.

## X'INHUMA L-OBBLIGI TIEGĦEK?

- Inti trid tuża l-kont fuq bażi regolari. Jekk ma tużax il-kont għal 24 xahar, dan jista' jingħalaq mill-bank.

## IL-BANEK JISTGĦU JIRRIFJUTAW LI JIFTĦUH?

Iva, bank jista' jirrifjuta li jiftaħ kont ta' ħlas b'karatteristiċi bażiċi, jekk:

- Sabiex jagħmel dan, ikun qed jikser kwalunkwe regola jew regolament kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu;
- Inti ma tipprovdix id-dokumenti mitluba mill-bank sabiex huwa jkun jista' jwettaq il-kontrolli ta' diliġenza dovuta meħtieġa;
- Jekk il-bank isib li inti diġà għandek kont bankarju ieħor b'mill-inqas l-istess karatteristiċi f'Malta.

Jekk, wara li jinfetaħ kont ta' ħlas b'karatteristiċi bażiċi, il-bank isib li inti diġà għandek kontijiet bankarji oħrajn, huwa jista' jagħlaq il-kont tiegħek immedjatament u saħansitra jitolbok tħallas kwalunkwe miżati relatati mas-servizzi jew il-prodotti pprovduti.

